MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Numru 120/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**Vs.**

**JOHN MARY VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Mary Vella bin Joseph u Pawla mitwielda Azzopardi, mwieled il-Mosta fl-10/08/1958 u joqghod “Vella House”, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta. I.D. 615558 (M).

Billi huwa akkuzat talli fis-26 ta’ April, 2003 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond “Mischievous Angels”, Tirq il-Wileg, San Pawl il-Bahar, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq ta' kurrent elettriku li l-vapur tieghu jeccedi l-mitt lira izda nqas minn elf lira hu ggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.  Akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fuq l-istess meter liema hsara tammonta ghas-somma ta' erbghin lira Maltin (LM40) u dan ghad-dannu tal-istess korporazzjoni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. PB3 u nnutat li l-imputat  m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 326(1)(c), 261(b), (c) u (f), 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(a) u 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat John Mary Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat John Mary Vella taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446

tal-Ligijiet ta' Malta bil-kunidizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat John Mary Vella ghall-piena ta' tlieta u disghin Euro u sbatax il-centezmi ta' Euro (Euro 93.17) multa.

Inoltre, l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tordna lill-imputat John Mary Vella sabiex fi zmien xahar millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati l-ammont ta' mija u hamsa u hamsin Euro (Euro 155) rappresentanti  l-ispejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-espert tekniku Hugh Camilleri nominat fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. CA1.

Finalment, il-Qorti qed taghti lill-imputat John Mary Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------